

32004D0391

L 120/50

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

24.4.2004

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' April 2004

dwar il-gruppi ta' konsulenza li jittrattaw mal-kwistjonijiet koperti bil-politika agrikola komuni

(2004/391/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

IDDEĊIDIET

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Artikolu 1

Billi:

(1) Billi l-Kummissjoni għandha tfitx l-opinjoni tas-setturi soċjo-ekonomiċi u tal-konsumaturi dwar kwistjonijiet li jirriżultaw b'konnessjoni mal-operazzjoni tal-organizzazzjonijiet varji komuni tas-suq u oqsma oħra koperti bil-politika agrikola komuni u bil-politika dwar l-iżvilupp rurali.

(2) Is-setturi ekonomiċi kollha direttament involuti fl-operazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-suq u affettwati b'deċiżjonijiet tal-politika agrikola, kif ukoll il-konsumaturi, għandu jkollhom l-opportunita li jipparteċipaw fl-abbozzar ta' l-opinjoni mitluba mill-Kummissjoni.

(3) Il-federazzjonijiet rilevanti soċjo-ekonomiċi u l-gruppi tal-konsumaturi fl-Istati Membri stabbilixxew organizzazzjonijiet fil-livell tal-Komunità, li huma għalhekk f'pożizzjoni li jirrappreżentaw lill-dawk konċernati fl-Istati Membri kollha.

(4) Struttura ta' konsulenza li tittratta mal-kwistjonijiet agrikoli ilha teżisti sa mill-1962. Wara r-riforma tal-politika agrikola komuni fl-1999 u fl-2003, u fid-dawl tat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-2004, huwa meħtieġ li tiġi riveduta dik l-istruttura. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/235/KE tal-11 ta' Marzu 1998 dwar il-gruppi ta' konsulenza li jittrattaw mal-kwistjonijiet koperti bil-politika agrikola komuni⁽¹⁾ should għandha għalhekk titħassar u tiġi sostitwita b'Deċiżjoni ġdida.

(5) Sabiex tiġi evitata konfużjoni mal-kliem użt fid-Direttiva tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tippreskrivi l-proċeduri għall-eżerċizzju ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni⁽²⁾ għall-kumitati ta' konsulenza, huwa xieraq li ma tintużax l-espressjoni "kumitati" għall-ħatra tal-korpi li għandhom jiġu stabbiliti b'din id-Deċiżjoni,

1. Il-gruppi li ġejjin huma stabbiliti taħt l-awspiċi tal-Kummissjoni:

- (a) il-gruppi ta' konsulenza elenkati fl-Anness I;
- (b) il-gruppi ta' ħidma kif hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 4(1).

2. Il-gruppi ta' konsulenza jstgħu jiġu konsultati mill-Kummissjoni dwar il-kwistjonijiet kollha li jirrelataw mal-politika agrikola komuni u mal-politika ta' żvilupp rurali u l-implimentazzjoni tiegħu, u b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet komuni tas-suq u l-miżuri li l-Kummissjoni hija mitluba li tiegħu f'dak il-kuntest.

Artikolu 2

1. Il-gruppi li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 1 għandhom jirrappreżentaw il-gruppi li ġejjin ta' interess soċjo-ekonomiku taħt il-kondizzjonijiet li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 3:

- produttori agrikoli u kooperattivi agrikoli,
- indurtriji agrikoli u dawk tal-manifattura ta' ikel,
- kummerċ fi prodotti agrikoli u fi prodotti ta' ikel,
- ħaddiema fl-irziezet u ħaddiema fl-industrija ta' l-ikel, konsumaturi u ambjentalisti.

F'każi speċifiċi, gruppi oħra ta' interess jstgħu jiunu rappreżentati.

2. Il-komposizzjoni tal-gruppi ta' konsulenza skond in-numru ta' siġġijiet allokat lill-kull grupp ta' interess soċjo-ekonomika hija stipulata fl-Anness II.

Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni għandha tistieden lill-organizzazzjonijiet soċjo-ekonomiċi stabbiliti fil-livell tal-Komunità u elenkati fir-reġistru tal-Kummissjoni ta' gruppi ta' interess (hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejja "l-organizzazzjonijiet soċjo-ekonomiċi" b'ix jinnonimaw esperti. L-organizzazzjonijiet soċjo-ekonomiċi għandhom ikunu dawk li huma l-aktar rappreżentattivi ta' l-interessi speċifikati fl-Artikolu 2(1), inklużi l-imsieħba soċjali, u l-attivajiet tagħhom għandhom ikunu konnessi mal-politika agrikola komuni u l-iżvilupp rurali.

⁽¹⁾ ĠU L 88, ta' 1-24.3.1998, p. 59.

⁽²⁾ ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

2. Fil-ħatra ta' esperti, l-organizzazzjonijiet soċjo-ekonomiċi għandhom jagħmlu minn kollox biex jiżguraw li l-interessi varji fis-settur tagħhom ikunu rappreżentati.

3. Il-Kummissjoni għandha tirrifjuta l-espert nominat mill-organizzazzjoni soċjo-ekonomika fejn din in-nomina ma tkunx adattata, notevolment fil-każ ta' konflitt ta' interessi. F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tinforma minnufih lill-organizzazzjoni soċjo-ekonomika, li minħabba f'hekk għandha tinnomina espert ieħor.

Artikolu 4

1. Fuq it-talba ta' grupp ta' konsulenza u bi ftehim mal-Kummissjoni, grupp wieħed jew aktar ta' ħidma jista' jiġi stabbilit biex jeżamina kwistjonijiet speċifiċi. Dawk il-gruppi għandhom jikkonsistu minn esperti fil-qasam nominat mill-organizzazzjonijiet soċjo-ekonomiċi. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3(3) għandhom jgħoddu.

2. Il-Kummissjoni tista' tinnomina u tistieden esperti biex jattendu għall-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma msemmija fil-paragrafu 1 fejn xieraq.

3. Il-Kummissjoni għandha tippresjedi l-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 5

1. Wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, kull grupp ta' ħidma fl-ewwel laqgħa tiegħu, wara d-data ta' l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u fl-ewwel laqgħa tiegħu wara t-terminu ta' sentejn li hemm provvediment dwaru fil-paragrafu 3, jeleġġi president minn fost l-esperti tiegħu kif ġej:

- (a) fil-każ ta' l-ewwel votazzjoni, permezz ta' maġġoranza ta' żewġ terzi ta' l-esperti preżenti;
- (b) fil-każ ta' votazzjonijiet sussegwenti, b'maġġoranza sempliċi ta' l-esperti preżenti; fil-każ ta' parità, il-Kummissjoni għandha ttipprovdi president fuq bażi temporanju.

2. Kull grupp ta' konsulenza għandu fl-ewwel laqgħa tiegħu jeleġġi żewġ viċi-presidenti, skond il-proċedura preskritta fil-paragrafu 1. Il-viċi-presidenti għandhom ikunu magħżula minn fost ir-rappreżentanti ta' setturi oħra soċjo-ekonomiċi li ma jkunx dak li għalih ikun jappartjeni l-president, bla ħsara għad-derogi li l-Kummissjoni tista' tagħmel provvediment dwarhom.

3. Il-president u ż-żewġ viċi-presidenti għandhom iservu għal terminu ta' sentejn li jkun jista' jiġġedded. Il-president ma għandux iservi għal aktar minn żewġ termini konsekuttivi.

4. Meta jagħżel president ġdid, il-grupp għandu jassigura li hu/hi ma jkunx joriġina mill-istess grupp soċjo-ekonomiku bħal dak tal-redeċessur tiegħu/tagħha.

5. Il-president għandu jkun responsabbli għall-kompilazzjoni f'rapport ta' rekord sommarju preċiż tal-laqgħat.

Il-Kummissjoni tista' temenda l-abbozz tar-rapport tal-president qabel it-tqassim tiegħu u l-approvazzjoni sussegwenti mill-grupp.

Artikolu 6

1. Il-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-gruppi elenkati fl-Anness I għandha tkun limitata għall-esperti nominati mill-organizzazzjonijiet soċjo-ekonomiċi skond l-Artikolu 3, fil-limitu tas-siġġijiet allokatil lil kull organizzazzjoni kif stipulat fl-Anness II. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u l-persuni mistiedna skond il-paragrafi 3, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu jistgħu wkoll jattendu. Il-president u ż-żewġ viċi-presidenti għandhom jattendu għall-laqgħat bi dritt.

2. L-organizzazzjonijiet soċjo-ekonomiċi għandhom jinformat lill-Kummissjoni dwar in-nomina tagħhom ta' l-esperti minn ta' l-anqas tlett ije utli qabel il-laqgħa.

3. Fuq it-talba ta' organizzazzjoni li lilha jiġu allokatil siġġu wieħed jew aktar fil-grupp, il-president tal-grupp jista', bi ftehim mal-Kummissjoni, jistieden lis-segretarju ġenerali ta' dik l-organizzazzjoni biex jattendi għall-laqgħa bħala osservatur.

Iżda, jekk is-segretarju ġenerali ma jkunx jista' jattendi, huwa jista' jassenja l-post tiegħu ta' osservatur lil persuna oħra nominata minnu.

4. L-osservaturi fil-laqgħat ma għandux ikollhom id-dritt li jitkellmu. Huma jistgħu, iżda, jiġu mistiedna li jagħmlu dan mill-president bi ftehim mal-Kummissjoni.

5. Fuq it-talba ta' organizzazzjoni li lilha jkun ġie allokatil siġġu wieħed jew aktar, u fejn il-kwistjonijiet fuq l-aġenda jkunu ta' natura teknika ħafna, il-president ta' grupp jista', bi ftehim mal-Kummissjoni, jistieden esperti oħra minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1 biex jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet tal-grupp.

Il-Kummissjoni tista', fuq l-inizjattiva tagħha proprja, tistieden persuna kwalifikata kif imiss f'wieħed mis-suġġetti fuq l-aġenda li tiegħu sehem fid-deliberazzjonijiet tal-grupp fuq dak is-suġġett bħala espert.

L-esperti mistiedna skond dan il-paragrafu għandhom jipparteċipaw biss fid-diskussjoni u d-deliberazzjonijiet dwar il-kwistjoni li għaliha jkunu mistiedna.

6. L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar magħmula mill-esperti fil-kontest tal-laqgħat tal-grupp huma rifondibbli mill-Kummissjoni skond ir-regolamenti fis-seħħ. Il-Kummissjoni ttriserwa d-dritt li tidderoga minn din ir-regola. L-esperti u l-osservaturi ma għandhomx jitħallsu għas-servizzi tagħhom.

Artikolu 7

1. Il-laqgħat tal-grupp għandhom jitlaqqgħu mill-Kummissjoni u għandhom ġeneralment iseħħu fl-uffiċċi prinċipali tal-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha ttipprovi s-servizzi ta' segretarju għall-gruppi.

Artikolu 8

Il-president b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, u b'konsultazzjoni ma' l-interessi l-oħra rappreżentati fuq il-grupp, għandu jistabbilixxi l-partiti li għandhom ikunu nklużi fl-aġendagħall-gruppi ta' konsulenza ta' l-anqas 25 jum utli qabel ma jiltaqa' l-grupp. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-aġenda lill-organizzazzjonijiet soċjo-ekonomiċi bħala regola ġenerali 20 jum utli qabel il-laqa', preferibbilment b'mezzi elettroniċi.

Il-president ta' kull grupp jista' jipproponi, fuq l-inizjattiva tiegħu proprja jEw fuq it-talba ta' xi wieħed mill-gruppi ta' interess rappreżentati, li l-Kummissjoni tikkonsulta mal-grupp tagħha dwar kull kwistjoni fil-kompetenza tagħha.

Artikolu 9

Il-gruppi ta' konsulenza għandhom jiddiskutu l-kwistjonijiet li fuqhom il-Kummissjoni tkun talbet opinjoni. Meta tfittex l-opinjoni ta' grupp, il-Kummissjoni tista' tiffissa limitu ta' żmien li fih l-opinjoni għandha tingħata.

Ma għandu jittieħed ebda vot fit-tmiem tad-diskussjoni tal-gruppi ta' konsulenza. Jekk grupp jaasal għal ftehim unanimu dwar l-opinjoni li għandha tingħata, huwa għandu jiffurmola konklużjonijiet konġunti u jehmiżhom mar-rapport sommarju.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika r-riżultat tad-diskussjonijiet tal-grupp lill-Kunsill jekk dan ikun propost mill-grupp.

Artikolu 10

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 287 tat-Trattat, fejn il-Kummissjoni tindika li l-opinjoni mitluba jew il-kwistjoni mqajjma tkun tinvolvi kwistjoni ta' natura kunfidenzali, il-parteċipanti fil-laqgħat għandhom ikunu meħtieġa li ma jikxfux l-informazzjoni li tkun ġiet a konjizzjoni tagħhom permezz tax-xogħol fil-grupp in kwistjoni.

Artikolu 11

Id-Deċiżjoni 98/235/EC hija mħassra.

Artikolu 12

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-1 ta' Mejju 2004.

Magħmula fi Brussel, fit-23 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

1. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-POLITIKA AGRIKOLA KOMUNI
 2. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IĊ-ĊEREALI, ŻRIERAGĦ LI MINNHIM JINGĦASAR IŻ-ŻEJT U L-PROTEINI
 3. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR GĦALF NIEXEF
 4. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-LAMTU
 5. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IŻ-ŻERRIEGĦA
 6. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IZ-ZOKKOR
 7. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IR-ROSS
 8. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR L-ENERĠIJA U WĊUH TAR-ARAB MHUX TAJBIN GĦALL-IKEL
 9. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-QOTON
 10. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-KITTEN U L-QANNEB
 11. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-ĦALIB
 12. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-LAĦAM TACode en erreur: 8eV-Code en erreur: 8eVANGA
 13. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-LAĦAM TAN-NGĦAĠ U L-LAĦAM TAL-MOGĦOŻ
 14. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-LAĦAM TAL-MAJJAL
 15. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-LAĦAM TAT-TJUR U L-BAJD
 16. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IT-TROBBIJA TAN-NAĦAL
 17. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-FROTT U L-ĦXEJJEX
 18. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-FJURI U L-PAJNTI ORNAMENTALI
 19. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-TBABBIR TA' L-INBID
 20. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR XORB SPIRITUŻ
 21. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IŻ-ŻEEBUĠ U PRODOTTI MIKSUBA MINNU
 22. IT-TABAKK
 23. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-HOPS
 24. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-FORESTRIJA U S-SUFRA
 25. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-KWALITÀ TA' PRODOTTI AGRIKOLI
 26. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-BIEDJA ORGANIKA
 27. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-PROMOZZJONI TA' PRODOTTI AGRIKOLI
 28. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR L-IŻVILUPP RURALI
 29. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IN-NISA F'ŻONI RURALI
 30. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR L-AGRIKOLTURA U L-AMBJENT
-

ANNEX II

1. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-POLITIKA AGRIKOLA KOMUNI

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	30
Negozjanti	8
Industrija	8
Ħaddiema	5
Konsumaturi	5
Ambjentalisti	3
Oħrajn	2

2. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR UĊUH TAR-RABA TAĊ-ĊEREALI, ŻRIERAGĦ LI MINNHOM JINGĦASAR IŻ-ŻEJT U PROTEINI

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	25
Negozjanti	8
Industrija	8
Ħaddiema	1
Konsumaturi	1
Ambjentalisti	2

3. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR DWAR GĦALF NIEXEF

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	8
Negozjanti	2
Industrija	5

4. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-LAMTU

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	6
Negozjanti	3
Industrija	6

5. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IŻ-ŻERRIEGĦA

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	11
Negozjanti	4
Industrija	4
Ħaddiema	1
Konsumaturi	1

6. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IZ-ZOKKOR

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	20
Negozjanti	5
Industrija	8
Ħaddiema	1
Konsumaturi	2
Ambjentalisti	1

7. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IR-ROSS

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	8
Negozjanti	5
Industrija	4
Ambjentalisti	1

8. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR U UĊUH TAR-RABA MHUX TAJBIN GĦALL-IKEL

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	17
Negozjanti	5
Industrija	6
Ħaddiema	1
Konsumaturi	1
Ambjentalisti	2

9. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-QOTON

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	8
Negozjanti	3
Industrija	4

10. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-KITTIEN U L-QANNEB

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	8
Negozjanti	3
Industrija	4

11. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-ĦALIB

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	22
Negozjanti	6
Industrija	8
Ħaddiema	1
Konsumaturi	1
Ambjentalisti	1

12. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-LAĦAM TAĊ-ĊANGA

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	23
Negozjanti	6
Industrija	6
Ħaddiema	1
Konsumaturi	1
Ambjentalisti	1

13. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-LAĦAM TAN-NGĦAĠ U L-LAĦAM TAL-MOGĦOŻ

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	22
Negozjanti	5
Industrija	4
Ħaddiema	1
Ambjentalisti	1

14. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-MAJJAL

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	23
Negozjanti	6
Industrija	8
Ħaddiema	1
Konsumaturi	1
Ambjentalisti	1

15. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-LAĦAM TAT-TJUR U L-BAJD

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	25
Negozjanti	6
Industrija	6
Ħaddiema	1
Konsumaturi	1

16. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IT-TROBBIJA TAN-NAĦAL

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	8
Negozjanti	3
Industrija	2

17. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-FROTT U L-ĦXEJJEX

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	27
Negozjanti	8
Industrija	6
Ħaddiema	2
Konsumaturi	2
Ambjentalisti	2
Oħrajn	1

18. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-FJURI U L-PAJNTI ORNAMENTALI

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	14
Negozjanti	9
Ħaddiema	1
Konsumaturi	1
Oħrajn	1

19. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-TBABBIR TA' L-INBID

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	20
Negozjanti	7
Industrija	6
Ħaddiema	1
Konsumaturi	1
Oħrajn	1

20. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR XORB SPIRITUŻ

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	6
Negozjanti	3
Industrija	8
Ħaddiema	1
Konsumaturi	1

21. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IŻ-ŻEEBUĠ U PRODOTTI MIKSUBA MINNU

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	16
Negozjanti	6
Industrija	6
Ħaddiema	1
Konsumaturi	1
Ambjentalisti	1

22. IT-TABAKK

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	14
Negozjanti	6
Industrija	6
Ħaddiema	1
Konsumaturi	1

23. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-HOPS

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	12
Negozjanti	7
Industrija	5
Ħaddiema	1

24. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-FORESTRIJA U S-SUFRA

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Produtturi	28
Negozjanti	2
Industrija	11
Ħaddiema	3
Konsumaturi	1
Ambjentalisti	4

25. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-KWALITÀ TA' PRODOTTI AGRIKOLI

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	14
Negozjanti	4
Industrija	4
Ħaddiema	2
Konsumaturi	4
Ambjentalisti	1
Oħrajn	4

26. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-BIEDJA ORGANIKA

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	9
Negozjanti	3
Industrija	3
Ħaddiema	1
Konsumaturi	3
Ambjentalisti	1
Oħrajn	7

27. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IL-PROMOZZJONI TA' PRODOTTI AGRIKOLI

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	15
Negozjanti	7
Industrija	5
Konsumaturi	2
Oħrajn	1

28. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR L-IŻVILUPP RURALI

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	27
Negozjanti	5
Industrija	5
Ħaddiema	4
Konsumaturi	3
Ambjentalisti	6
Oħrajn	10

29. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR IN-NISA F'ŻONI RURALI

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	7
Negozjanti	1
Industrija	1
Ħaddiema	1
Konsumaturi	2
Oħrajn	2

30. GRUPP TA' KONSULENZA DWAR L-AGRIKOLTURA U L-AMBJENT

INTERESSI RAPPRESENTATI (Artikolu 2 (1))	Siġġijiet (Artikolu 2 (2))
Bdiewa u Kooperattivi Agrikoli	21
Negozjanti	4
Industrija	4
Ħaddiema	2
Konsumaturi	2
Ambjentalisti	8